

# IL-FANALI

## IMRIEZAQ TA' DAWL LI JIKSRU D-DALMA TAL-LEJL

- *Tagħrif miġbur minn Toni Calleja* -

***Daħla:***

Fil-poeżija tiegħu 'L-Aħħar Dawl', il-poeta tan-natura, l-ex President tar-Repubblika ta' Malta, Dr. Anton Buttigieg, igħid li *"...Ikreħ il-lejl, u daqs iż-żift* ***sewdiena — is-sema u l-art ... "***.[1] Fil-Malti għandna l-idjomi **"dlam [ċappa] tista' toqtol u tidfen"** u **"dlam taqtgħu b'sikkina"**. Dawn l-idjomi ma bdewx il-bieraħ u meta nħolqu, il-poplu tagħna kien jużahom bi dritt u b'kull raġun. B'kull dritt u b'kull raġun b'riferenza biss għal barra t-triq. Dan għaliex sa minn meta dawn niesna kienu jabitaw fl-għerien u fil-ħġieri (plural ta' ħuġira), fl-imqades u fil-katakombi kienu sapjenti biżżejjed biex ivvintaw l-ewwel u qabel kollox l-imsiebaħ tal-fuħħar li kienu jinxtegħlu bil-ftila tal-marden u bix-xaħmijiet tal-bhejjem.

Mat-tluq tal-Għarab minn gżiritna, fl-1127, Malta u Għawdex, ta' sikwit kienu jkunu maħbuta mill-ħallelin tal-baħar, għalhekk **wara li jidlam ħadd ma kien jabbuża joqgħod barra t-triq, u għall-istess għan ma kienx hemm ħtieġa li t-toroq ikunu mdawla.**

Sa nofs is-seklu sbatax (15 ta' April, 1637), il-bibien taċ-Ċittadella tar-Rabat, ma' nżul ix-xemx, kienu jinżammu magħluqa[2] u [b'bandu], kulħadd kien mistenni li jħalli daru u jmur ifittex kenn ġewwa s-sur għal matul il-lejl.[3] Dan il-bandu kien japplika għal mill-1 ta' Mejju sal 31 ta' Ottubru, meta l-ibħra tal-madwar ikunu kalmi u għaldaqstant impestati bil-pirati.[4]

Billi l-irziezet ma setgħux joqgħodu bla għassa tul lejl sħiħ, tard fis-seklu sittax, l-irġiel magħmula, bdew ikunu eżentati milli jirtiraw fiċ-Ċittadella. Iżda *"... min ma kienx qed jgħix fil-kenn tas-swar tal-kastell, qiegħed lilu nnifsu f'tiġrib ta' bla waqfien ... Inżidu ma' dan li missirijietna kienu mbeżżgħin ħafna minn xulxin ukoll. Il-faqar ġab miegħu ħafna serq. Kien hemm bżonn li n-nies ta' l-irħula jissakkru sewwa fi djarhom ... Huma kienu dejjem imbeżżgħin li xiħadd jaqbeż fuqhom, jisraqhom, u forsi wkoll iħallihom minxurin ma' l-art ... Toroq kif nifhmuhom illum fl-irħula kienu għadhom ma jeżistux. Għalhekk,* ***il-lejl kien iġib miegħu dlam li fih ħadd ma kien jissogra joħroġ mill-bieb 'il barra ..."***.[5]

1: A. Buttigieg, *Mill-Album ta' Ħajti*, Edizzjoni Klabb Kotba Maltin – 1978, Vol. I, p. 154.
2: G.F. Abela – G.A. Ciantar, *Malta Illustrata*, Malta 1772, Lib. III, Not. IV, f. 235.
3: Brian Blouet, *Gozo*, Progress Press, Malta – 1965, p. 21.
4: J. Bezzina, *The Development and Consolidation of the Village Unit in Gozo after 1575*, f'L. Briguglio – J. Bezzina, *Gozo and its culture*, Formatek Ltd., Malta 1995, p. 65.
5: A. Bonnici, *In-Nadur*, Malta 1984, Vol. I, pp. 33-34.

Għal ħafna miż-żmien ta' l-eżistenza tagħhom, il-Gżejjer Maltin għexu ħajja ta' gwerra, u għaldaqstant kien minn awl id-dinja li kull forma ta' dawl estern kienet ta' theddida. Il-*curfew* (ħin imponut b'liġi li fih irid jintefa kull dawl jew li ħadd ma jista' joħroġ fit-triq) kienet il-liġi permanenti ta' dan il-pajjiż.

Fil-Kodiċi l-ġdid tal-Gran Mastru Manuel De Rohan (1775-1797) maħruġ fl-1784 insibu terġa tiġi rinfurzata l-liġi ddegrietata mill-predeċessur tiegħu, l-Gran Mastru Ramon Perellos (1697-1720) sittin sena qabel, voldieri dik, li kienet timpedixxi l-ħruġ matul il-lejl. Minn barra f'każijiet ta' emerġenza, dawk kollha li jinħakmu barra minn djarhom bejn sagħtejn wara nżul ix-xemx indikat bid-daqq ta' l-*"Ave Maria"* u l-erbgħa ta' filgħodu, mad-daqq tal-*"Pater Noster"* kienu jiġu mwaħħla skud mill-Kaptan ta' bil-lejl.(6)

F'rapport dettaljat dwar il-qagħada f'Malta mħejji mill-ispija Franċiż, iċ-Ċittadin Poussielgue, is-segretarju ewlieni tal-legazzjoni f'Ġenova, u ppreżentat lil Napuljun Bonaparti nhar it-8 ta' Frar, 1789 – allura ftit qabel l-invażjoni tal-Gżejjer Maltin – fost l-oħrajn insibu rrapportat hekk: "... *Kull min wara ċertu ħin ta' filgħaxija jinstab* ***fit-toroq ta' Malta bla dawl*** *jisfa mitfugħ il-ħabs. Li wieħed joħroġ barra bla dawl huwa privileġġ tal-Kavallieri* ... ".(7)

***L-ewwel dwal f'imkejjen pubbliċi:***

L-ewwel ħjiel li għandna li xi mkejjen pubbliċi ta' Malta kienu mixgħula bil-lejl, hija ċitazzjoni li l-Ġurati ta' l-Imdina għamlu fis-17 ta' Marzu, 1487, lill-Kaptan tal-Virga, Carlu De Guevara talli dan it-tali kien jisraq iż-żejt li l-Lhud ta' Malta minn flushom kienu jixtru biex tinżamm mixgħula l-lampa tal-Loġġa tal-Għassiesa.(8)

Fl-ibliet tal-Birgu, ta' l-Imdina u tal-Kastell ta' Għawdex l-iktar li stajt tara kien xi ban (plural – banijiet) magħmul mill-ħbula tal-ħaxixa miksi biż-żift, qatran jew xemgħa. Il-għonja ġie li kienu jagħmlu ma' bieb darhom fjakkjli tal-fuħħar mimlija xaħam li b'xi mod kienu jiksru xi ftit l-istar tal-lejl sewdien.

Fl-1566, meta l-Kavallieri ta' San Ġwann ġew biex jibnu l-belt l-ġdida tagħhom fuq Xebb-el-ras (mill-għarbi Ġebel-el-ras), skond il-pjan regolatur, fost l-oħrajn, il-kantunieri kollha tal-binjiet riedu jiżżejnu b'xi ornament.(9) Għaldaqstant saru diversi niċeċ li maż-żmien sarilhom ukoll xi dawl inemnem quddiemhom. Barra mill-iskop devozzjonali tiegħu, dan id-dawl kien sonbor għal dawk li kien jeħtiġilhom joħorġu bil-lejl. Għax tajjeb li ngħidu, li l-ordni, li bejn l-*Ave Maria* sal-*Pater Noster* ħadd ma seta' joħroġ minn daru, ma kinitx tapplika wkoll għal ġewwa l-belt innifisha.

Fl-1745, il-Gran Prijur tal-Ġermanja, Nesselrode, waqqaf ħames statwi tal-ġebel madwar il-Kulleġġ tal-Ġiżwiti u n-nies imqanqla mill-qima lejn il-qaddisin poġġew fanali jixegħlu quddiemhom. L-istoriku Mifsud meta rahom, ħallielna miktub: *"Din id-drawwa għoġbot lill-poplu li issa bil-lejl jista' joħroġ bla biża kull x'ħin ikun ... hija ħaġa tajba u mill-aktar li taqbel ... u jekk Alla jrid il-Belt kollha għad xi darba tkun mixgħula bil-lejl ..."*.(10)

---

6: Anonimu, *Light & Sound of bygone Malta,* f'Malta This Month, December 1973, p. 14.
7: F. Sammut, *Bonaparti f'Malta,* SKS 74, Malta 1997, p. 82.
8: John Bezzina, *Servizzi Pubbliċi f'Malta,* f'Fanali nru. 4, D.I. Malta 1962, p. 18.
9: A.P. Vella, *Storja ta' Malta,* KKM 1979, Vol. II, p. 15.

***Il-Fanali f'Malta:***

U din il-ħolma seħħet tassew, għaliex kienu għadhom isaltnu l-Kavallieri meta l-għonja bdew iwaħħlu mal-koxox tal-bibien fanali biex idawwlu d-daħliet ta' djarhom. Mal-miġja ta' l-Ingliżi, fl-1800, il-fanali b'lampi taż-żejt bdew jitwaħħlu ma kullimkien għalkemm l-għadd tagħhom kien żgħir. F'Malta, kull ma jmur, il-fanali fit-toroq, mhux talli li komplew jiżdiedu, talli imma, biex aktar itejjbu l-qagħada, fl-1856, dawk fil-Belt Valletta bdew jinxtegħlu bil-bekkijiet tal-gass(11) u aktar 'il quddiem bl-elettriku. Difatti nhar it-2 ta' Marzu, 1882, fil-Belt Valletta deher għall-ewwel darba d-dawl elettriku f'dik li hi mixegħla pubblika ... dakinhar kien inxtegħel Misraħ San Ġorġ.(12)

Dan meta l-poplu tal-irħula u tal-kampanja ta' Għawdex lanqas biss kien għadu beda jibbenefika mill-fanali taż-żejt jew tal-pitrolju.

***Il-Fanali f'Għawdex:***

F'Għawdex l-ewwel fanali (dawk fit-toroq pubbliċi) dehru matul is-sena 1850. Fl-Estimi għas-sena 1849, ma nsibu l-ebda flus ivvotati għall-mixegħla tat-toroq f'Għawdex.(13) L-ewwel flus ivvotati għal dan il-għan insibuhom fl-Estimi għas-sena 1850 fejn għall-mixegħla ta' l-erbat ibliet (Valletta, Birgu, Bormla u l-Isla), inkluża magħhom il-Furjana, Notabile (l-Imdina), Għawdex u l-Vjal tal-Palazz kien hemm ivvotati £950.(14)

L-ewwel fanali saru fit-toroq tar-Rabat. Kienu jinxtegħlu biż-żejt. Iż-żejt, barra li kien jintefa mix-xejn kien ukoll idaħħan wisq u min kien jieħu ħsiebhom ftit kien iħabbel rasu jnaddafhom. Dan il-fatt kien qed itellef ħafna mill-iskop li għalih saru dawn il-fanali u għaldaqstant saru l-għelm ta' garr popolari. F'gazzetta tas-sena 1853 insibu ittra fejn jingħad espressament:

"*... at the miserable way which the service of lighting the town even with oil is executed* ***... the lamps themselves are miserable and dirty ... the oil used in them, must be of the very worst quality ...***" (15)

Minn naħa l-oħra, il-kuntrattur, biex jirribatti dan it-tgergir, kien jilmenta li ż-żejt li qed jipprovdulu biex jixgħel il-fanali kien ta' kwalità ħażina pesta.

F'ittra li Dr. Felice Mercieca LL.D., Deputat Riċevitur Ġenerali Għawdex kiteb lil G. Vella, Kollettur tal-Gvern f'Malta bid-data tal-10 ta' Frar, 1860, fost l-oħrajn jgħid li qed ikollu rapporti ripetuti mill-Pulizija dwar il-mixegħla tal-fanali. U jkompli li "*... kienu l-itwal iljieli ta' Jannar, u vverifikajt li sa kemm il-lejl ikun daħal ġmielu, numru konsiderevoli minnhom kienu jintfew tant li jien iltqajt immedjatament ma' dawk inkarigati: iż-żejt kien ċar daqs il-kristall, madankollu esiġejt li jiġi eżaminat mill-esperti; dawn qalu li ż-żejt kien tajjeb, imma kien xi ftit qadim; esiġejt li jiġi mibdul ma' dak l-istess li l-aħwa Darmanin qed ifornu bih il-fanal* [ta' Ġurdan]*; stajt nagħmel aktar minn hekk? ...*".(16)

---

**10:** J. BEZZINA, *Servizzi Pubbliċi f'Malta*, pp. 18-19.

**11:** L'ORDINE n. 205 (20 Mag 1853) 4090; n. 234 (09 Dic 1853) 4208; n. 324 (31 Aug 1855) 4570 u n. 332 (26 Ott 1855) 4602.

**12:** J. BEZZINA, *Servizzi Pubbliċi f'Malta*, p. 22.

**13:** M[alta] G[overnment] G[azette], no. 1615 (13 Oct 1848) 147.

**14:** MGG, no. 1677 (19 Oct 1849) 151.

**15:** Malta Times, (13 Sep 1853); ara wkoll: J. BEZZINA, *Servizzi Pubbliċi f'Malta*, p. 19.

Il-kwistjonijiet bejn il-kuntrattur tal-fanali f'Għawdex, il-Pulizija u l-Kap Amministrattiv f'Għawdex kienu kontinwi u bla limtu. Nhar it-18 ta' Awissu, 1861, id-Deputat Riċevitur – Għawdex, f'ittra oħra li ndirizza lill-Kollettur tal-Gvern f'Malta, fuq rapport tal-Ispettur tal-Pulizija dwar il-kuntrattur tal-fanali, fost l-oħrajn għamel dawn l-osservazzjonijiet:

1: Fl-10 ta' dan, il-kuntrattur tal-fanali ġie mgħajjat mill-Pulizija li wissewh biex jixgħel dawk il-fanali li ntfew u biex jirranġa ċ-ċumplar ta' dawk li kienu ser jintfew;

2: Fil-11 ta' dan, il-Pulizija eżaminat żewġ fanali li kienu mitfija u sabuhom skarsi miż-żejt meħtieġ u b'miċċa qasira tant li ma kinitx qed tieħu żejt.(17)

Ftit tagħrif interessanti dwar il-fanali fir-Rabat joħroġ minn ittra/rapport li l-Ass. Seg. tal-Gvern, is-Sur Pawlu Trapani kiteb lill-Logutenent Gvernatur, datata 17 ta' Ottubru, 1888. Fost l-oħrajn, is-Sur Trapani jgħid li: "*... klawsula fil-kuntratt tal-mixegħla annwali tal-fanali fit-toroq tal-Belt Victoria u l-Imġarr, il-kuntrattur huwa eżentat li jixgħel il-fanali fl-iljieli ta' qamar kwinta u fit-tnejn ta' qabel u t-tnejn ta' wara; b'dan illi, fix-xhur tal-ħarifa u x-xitwa, qed ikun ta' nkonvenjent għall-abitanti l-aktar fl-iljieli bix-xita u meta l-ajru jkun imsaħħab ...*". L-Ass. Seg. jkompli jgħid li: "*... inkonvenjent simili għandu jiġi rimedjat. L-irregularità u d-dieq tat-toroq fir-Rabat huma ċirkustanzi suffiċjenti biżżejjed li jimmeritaw modifikazzjoni tal-klawsula msemmija; u daqstant ieħor, ma għandi l-ebda dubju, nirrakkomanda li l-fanali fir-Rabat jiġu mixgħula kuljum; anki bejn is-16 ta' Ottubru u l-15 ta' Marzu ...*".(18)

Aktar tagħrif interessanti joħroġ minn ittra oħra datata 8 ta' Novembru, 1890, indirizzata lid-Direttur tal-Kuntratti: "*... Fl-ispeċifikazzjoni għal-mixegħla tat-toroq bil-pitrolju* (innota, mhux aktar biż-żejt), *innotajt li ma sar l-ebda aċċenn għal dawk il-fanali tat-toroq fil-Belt Victoria u l-Imġarr li ma humiex proprjetà tal-Gvern u għaldaqstant huwa neċessarju li l-Gvern jipprovdi l-fanali minnufih, altrimenti trid tiddaħħal kundizzjoni li torbot lill-kuntrattur li jissuplixxi dawn il-fanali huwa nnifsu ...*".(19)

***Fanali fl-irħula tal-kampanja ta' Għawdex:***

F'ġurnal lokali tal-11 ta' Ottubru, 1889 naqraw li reċentiment twaħħlu xi fanali *(e di quelli aggiunti recentemente)*(20) pubbliċi fl-irħula. Fl-Estimi għas-sena 1888, f'dak li huwa '*Lighting the Streets*' – b'riferenza għal Għawdex – ma nsibux ħlief vot ta' £66 biex jinxtegħel biss ir-Rabat.(21) F'dawk tas-sena 1889, taħt l-istess, insibu vot qawwi ta £400 biex jinxtraw lampi ġodda għall-mixegħla fl-irħula(22);

16: N[ational] A[rchives] G[ozo], SG, 01/25, p. 97$^{v}$.
17: *Ibid.*, pp. 158$^{v}$-159$^{r}$.
18: NAG, SG, 01/38, p. 18.
19: NAG, SG, 01/39, p. 154.
20: Risorgimento, n. 3939 (11 Ott 1889) 2. Ara wkoll: NAG, SG, 02/03, p. 177.
21: MGG, no. 3260 (23 Jun 1888) 340.
22: MGG, no. 3298 (26 Jan 1889) 27.

ċertament li hawnhekk ir-riferenza hija għall-irħula taż-żewġ gżejjer. Fl-Estimi supplimentari għas-sena 1889, il-vot għal *'Lighting the Streets'* ma jkoprix biss lir-Rabat iżda wkoll il-kumplament tal-gżira: *"Victoria, etc., Gozo – £116"*.[23]

"**Fanali:** Sa dan iż-żmien (1880-1890) it-toroq taż-Żebbuġ (Għawdex), bil-lejl kienu jkunu mdawwla biss bid-dawl tal-qamar u tal-kwiekeb. Twaħħlu mbagħad sittax-il fanal[24] bil-lampa tal-pitrolju.[25] Min kien jieħu ħsieb jixgħelhom u jitfihom kien jaqsam ir-raħal kull filgħodu u fil-għaxija bis-sellum fuq spaltu u kellu tliet ħabbiet (1m) kull fanal kuljum".[26]

F'gazzetta lokali ta' Novembru, 1889, deher kumment ta' M'Anġ Marija Mizzi, id-deputat Għawdxi fil-Kunsill tal-Gvern, fejn fost affarijiet oħra staqsa kif fis-sejħa l-ġdida għall-offerti tal-mixegħla tal-Fanali f'Għawdex, ma jissemma xejn dwar dawk iż-żewġ fanali eżistenti quddiem il-Knisja tax-Xagħra.[27]

Dawn iż-żewġ fanali kienu sa ċertu punt differenti mill-oħrajn. L-imsemmi Onorevoli Mizzi, fl-10 ta' Ottubru, 1889, kien ġa staqsa dwarhom fil-Kunsill tal-Gvern. Is-Supritendent tal-P.W. (16/10/1889) talab lill-Ass. Seg. għal Għawdex biex jirrapportalu dwar il-każ. Dan ta' l-aħħar min-naħa tiegħu (25/10/1889) qabbad lis-*surveyer* V. Mercieca biex iħejjilu r-risposta. Is-*surveyer* ippreżenta r-rapport tiegħu nhar is-26 ta' Ottubru, 1889. Fost l-oħrajn jingħad li: "*... barra minn hekk irrid nissotometti li madwar erba' snin ilu, il-Gvern qiegħed żewġ fanali quddiem il-Knisja Parrokkjali tax-Xagħra bil-kundizzjoni illi dawn jinxtegħlu u jinżammu fi stat tajjeb ta' manutenzjoni mill-Kappillan. Ġejt mgħarraf li dawn il-fanali ġew mixgħula biss f'numru żgħir ta' iljieli u osservajt li huma fi stat tant ħażin li fi żmien qasir ser ikun meħtieġ li jinbidlu b'oħrajn ġodda ...*". Is-*surveyer* ikompli jirrapporta hekk: "*... Jekk il-Gvern jikkonċiedi li jixgħel dawn iż-żewġ fanali flimkien ma' l-oħrajn* (il-pubbliċi), *jien tal-fehma illi l-Kappillani kollha tal-gżira jitolbu għal trattament simili għal quddiem il-knisja tagħhom; xi ħaġa li ser iddaħħal lill-Gvern fi spiża ta' mhux anqas minn £80 barra l-mixegħla tagħhom*".[28]

Għall-ewwel darba, nhar it-13 ta' Novembru, 1889, il-Gvern nieda l-offerti għal-mixegħla bil-pitrolju tat-toroq fil-villaġġi Għawdxin għal bejn l-1 ta' Diċembru, 1889 u t-30 ta' Novembru, 1890.[29] L-ewwel fanali pubbliċi fl-irħula ta' Għawdex kienu: Għarb - 8; Żebbuġ - 4; Sannat -4; Xewkija - 6; Qala - 3; Nadur - 11; Xagħra - 10 u Għajnsielem - 5. Total ta' 51 fanal kollox![30]

---

**23:** MGG, no. 3336 (25 Jul 1889) 621.

**24:** Fil-fatt kienu twaħħlu biss erba' fanali; *cf* Risorgimento, (21 Nov 1889) 2.

**25:** Dwar il-musbieħ u l-lampi tal-pitrolju, il-Kan. Kantur Giov. Andrea Vella, fiż-Żebbuġ u l-Ġrajja Tiegħu, f'p. 280 jgħid hekk:

Dwar **il-musbieħ**: "Sa dan iż-żmien (1880-1890), id-dlam tal-lejl fid-djar kien jiġi mdawwal bil-mużbieħ, li kien jixgħel biż-żejt u l-ftila magħmula mill-marden. Dawl baxx għall-aħħar, għax jekk ittelgħalu xi ftit, jibda jdaħħan iżjed minn vapur ".

Dwar **il-lampi tal-pitrolju:** "Deħru l-lampi tal-pitrolju ... u kulħadd jistagħġeb bid-dawl li tagħti ... aktar minn bi nhar kienu jgħidu!".

**26:** A. VELLA, *Iż-Żebbuġ u l-Ġrajja Tiegħu*, Legion Press–1963, p. 284.

**27:** Risorgimento, n. 3973 (21 Nov 1889) 2. Ara wkoll: *Ibid.*, n. 3992 (13 Dic 1889) 2.
Nirringrazzja lil Anton F. Attard (Victoria) li sabli, u ġentilment għaddieli din l-informazzjoni.

**28:** NAG, SG, 02/03, p. 116.

**29:** MGG, no. 3361 (14 Nov 1889) 785.

**30:** Risorgimento, (21 Nov 1889) 2.

F'nota lis-Supritendent tal-P.W. datata 5 ta' Diċembru, 1889, l-Ass. Seg. għal Għawdex, is-Sur Paolo Trapani, fost l-oħrajn għamel din l-osservazzjoni: "*Nieħu din l-opportunità biex nissottometti għall-konsiderazzjoni x-xewqa kbira għal aktar fanali fix-Xagħra u fl-irħula l-oħra peress li n-numru li ġie mogħti lil kull wieħed minnhom m'huwiex biżżejjed. Aktar minn hekk, ċerti rħula bħalma huma ta' Kerċem, l-Għasri u l-Għammar u l-bqija ġew kompletament minsija ...*".(31)

Fl-1890, ħarġet sejħa għall-offerti ta' 148 fanal ġdid biex jiġu mwaħħla f'dawn il-gżejjer. Id-deput Għawdxi fil-Kunsill tal-Gvern, is-Sur M'Anġ. M. Mizzi staqsa biex ikun jaf kemm kienet ser tkun il-parti ta' Għawdex minn din il-kunsinna (2534 Council – 29/9/1890). Is-Sur Trapani, l-Ass. Seg. għal Għawdex li ntalab iħejji r-risposta, fit-tweġiba tiegħu stqarr li n-numru ta' fanali destinati għal Għawdex huwa ta' 23 li ser jitpoġġew f'dawk il-postijiet magħżula mis-*Surveyer* tal-Gvern wara konsultazzjoni miegħu, il-Kappillani u ma' xi persuni nfluwenti oħra fl-irħula.

F'rapport ieħor tal-11 ta' Novembru, 1890, is-Sur Trapani, l-Ass. Seg. għal Ghawdex qal li: "*...it-23 lampa msemmija fir-rapport tas-Supritendent tal-P.W. ser jiġu mqassma kif ġej: 3 fin-Nadur, 3 fix-Xagħra, 5 f'Kerċem, u tnejn f'kull wieħed minn dawn l-irħula: Qala, Għajnsielem, Xewkija, Sannat, Għarb u Żebbuġ ...*", u kompla, "*... jien kont irrimarkajt* (Paper v/2095) *li n-numru ta' lampi li ġew allokati lil Għawdex f'din l-okkażjoni kien ċkejken wisq u minn ta' l-anqas kienu mitluba għaxra oħra ...*".(32)

Tajjeb hawnhekk li ninnotaw li anki din id-darba; din it-tieni kunsinna ta' fanali li ġiet f'Għawdex – b'eċċezzjoni tar-raħal ta' Kerċem – reġgħet marret għand dawk l-istess irħula li ġa kienu bbenefikaw ukoll mill-ewwel kunsinna ta' 51 fanali! U l-Għasri? U San Lawrenz? Iss, ħej, x'ġustizzja dik!

Intant, mal-mogħdija taż-żmien, il-fanali daħlu f'kull rokna ta' Għawdex, daħlu saħansitra f'dawk il-partijiet l-aktar remoti tal-gżira. Waqt li f'Malta l-installazzjoni tad-dawl elettriku baqgħet tinfirex b'ċertu rittmu, il-gżira sabieħa ta' Għawdex saret il-landa taż-żibel – ippermettuli l-kelma – ta' dawk il-fanali li fil-gżira oħtna kienu qed jiġu sostitwiti bl-elettriku.

***L-aħħar żviluppi f'dik li hi mixgħela pubblika:***

F'Għawdex ma jidhirx li qatt saret xi mixgħela pubblika permezz tal-gass ... b'aċiteliena iva. L-ewwel darba li ntuża dan il-mezz ta' enerġija għal dik li hija mixgħela pubblika f'Għawdex kien nhar l-24 ta' Ġunju, 1902. Dan sar fir-raħal tax-Xewkija.(33) Minn dak iż-żmien 'il hawn dan il-mezz ta' illuminazzjoni ntuża f'diversi okkażjonijiet u f'diversi rħula l-aktar fl-okkażjoni tal-festi titulari, fosthom fir-raħal ta' l-Għasri. M'rridx nagħti l-impressjoni li l-aċiteliena kienet saret xi mezz popolari ta' mixegħla fil-festi; aktar u aktar li b'xi mod kienet ħadet post il-mixgħela tal-faċċati tal-knejjes bit-tazzi taż-żejt. Xejn minn dan! Barra mill-fatt li jekk ma titħaddimx bil-galbu, l-aċiteliena setgħet tkun perikuluża, il-fatt li din kienet titħaddem permezz ta' pajpijiet irqaq, kien jirrendiha diffiċli li tista' tagħmel biha xi

---

**31:** NAG, SG, 02/03, p. 117.
**32:** *Ibid.*, pp. 205 u 209.
**33:** Il-Berqa, nru. 10,861, (29 Jun 1967) 7.

mixegħla mifruxa ħafna bħalma wara kollox hija faċċata ta' knisja. L-aċiteliena kienet l-aktar użata biex biha tixgħel per eżempju brazzi u pilandri.

Kellhom jgħaddu xejn anqas minn 23 sena oħra sakemm f'Għawdex rajna l-ewwel mixegħla bid-dawl elettriku. Dan iżżanżan minn Loretu Xuereb tal-Qala fl-okkażjoni ta' lejlet u nhar il-festa tal-Vittorja tas-sena 1925. Kienet biss inizjattiva privata tiegħu.(34)

B'aktar konkretezza nistgħu ngħidu, li d-dawl elettriku f'Għawdex ġie inawgurat nhar l-1 ta' Awissu, 1926. Dakinhar, allura, ġiet inawgurata l-'Magna tal-*Luce Elettrica*' tal-Gvern, fir-Rabat – wara s-Seminarju – li kienet taħdem fuq sistema indipendenti minn dik f'Malta.(35)

***Il-Fanali tal-Pitrolju fl-Għasri:***

Id-deputat Għawdxi fil-Kunsill tal-Gvern, M'Anġ Marija Mizzi, f'kumment fuq gazzetta lokali f'Novembru, 1889, meta kien qed jittratta dwar il-mixegħla tal-fanali fil-gżira ried ikun jaf u staqsa b'enfasi kbira dwar 'il għaliex fl-Għasri u f'xi rħula oħra, il-Gvern ma kien għamel l-ebda fanal. Lanqas wieħed biss!(36)

Taħt id-data tas-7 ta' Jannar, 1890, il-Viċendarju ta' l-Għasri, Dun Ġużepp Vella, bħala veru missier li mhux biss ifittex il-ġid spiritwali tal-merħla fdata f'idejh, imur jagħmel rikors (talba) lis-Sinjurija tiegħu, l-Onorabbli Uffiċjal Amministrattiv tal-Gvern biex fir-raħal jitwaħħlu xi fanali għall-kumdità tal-popolazzjoni. Dan ir-rikors huwa mportanti mhux biss f'dak li jirrigwardja l-mixegħla bil-fanal iżda wkoll f'dik li hija toponomija tar-raħal ta' l-Għasri.

Dun Ġużepp Vella beda biex qal li: "*.. fid distribuzzjoni tal-fanali fl-irħula ta' din il-gżira, dan ir-raħal ta' l-Għasri kien kompletament minsi ...*", u jkompli, "*... ir-raħal ta' l-Għasri huwa maqsum fi tliet ċentri; ċioè fejn hi l-knisja attwali* (il-Knisja tal-Wied); *fil-misraħ tar-raħal fid-direzzjoni tal-Belt Victoria* (in-naħa tal-pjazza, allura fejn aktar tard kienet ġiet mibnija l-knisja l-ġdida il-lum dik parrokkjali) *u fid-direzzjoni ta' Għammar ...*". Fl-istess rikors hu kiteb ukoll li: "*... għall-mument biżżejjed li jkollna tliet fanali, ċioè wieħed għal kull ċentru kif diġa ġie mistoqsi mill-Onor. Mizzi lill-Kap tal-Gvern fejn l-esponent kien mgħarraf u assigurat li għal ta' Kerċem ser ikun hemm erba' fanali, u għaldaqstant ninsab fiduċjuż, li almenu għal issa, jingħataw tlieta oħra lill-Għasri fil-mod kif imfisser fuq*".(37)

B'paragun ma' dak li semmejna aktar qabel, ta' min hawnhekk jinnota s-sens ta' ġustizzja fil-Viċendarju Dun Ġużepp Vella – ma talabx il-fanali kollha għal ħdejn il-knisja fejn l-aktar li kien jinqeda bihom kien ikun hu stess. B'imparzjalità stretta talab wieħed għal kull ċentru fir-raħal. Ta' veru missier twajjeb ma riedx inissel piki u għira bejn naħa u oħra! Minn tagħrif li għandna nafu li wkoll f'dak iż-żmien, il-piki kien għadhom perfdi. U damu hekk mhux ħażin. Infatti Ġorġ Galea *(iċ-Ċalul:* 1901-1995), f'intervista li kien għamillu l-Kappillan Dun Ġużepp Cini u li kienet ippubblikata fil-*magazine* tal-parroċċa, jgħid: "*... Kien ikun dlam ċappa* ***imma***

---

34: L-Antenna, nru. 28, (30 Lul – 05 Aww 1989) 40.

35: Malta Tagħna, nru. 2079, (07 Aww 1926) 4.

36: Risorgimento, (21 Nov 1889) 2.

37: N[ational] A[rchives] M[alta], Petitions 908/7 Jan 1890. Għasri – Torrens Vol. II, Lamps. Nirringrazzja lil Joe Attard (Xagħra) li sabli u ġentilment għaddieli din l-informazzjoni.

***hawn l-Għasri kellna l-Fanal ta' Ġurdan** li xħiħ jitfa' l-leħħa tad-dawl **kont nara fejn jien sejjer** u hekk kien jirnexxili nasal id-dar qawwi u sħiħ. Imma lili mhux id-dlam l-aktar li kien ibeżżagħni. Kont nibża' minn xi daqqa ta' ġebla jew xi ċuplajsa. Għax fi żmieni l-Għasri kien maqsum fi tliet partiti. **L-Għasri ta' Fuq** jiġifieri dawk tad-Dawra ta' l-Għawseġ u tal-madwar; **l-Għasri tal-Wied** u **l-Għasri ta' Wara ta' Għammar** li kienu jikkmandaw mill-Plier 'il ġewwa..."*.[38]

Intant, b'risposta għar-rikors tal-Viċendarju, Dun Ġ. Vella, nhar it-18 ta' Ġunju, 1890, is-Segretarju Principali tal-Gvern f'Malta wieġeb eżattament hekk: *"In-numru ta' lampi għal Għawdex jista' jiżdied biss billi jonqsu dawk approvati għal Malta, ħaġa li jien m'hiniex lest li nirrakkomanda"*.[39]

Nerġgħu pass lura; meta fil-11 ta' Jannar, 1890, l-Assistent Segretarju għal Għawdex kien mitlub biex jagħti l-veduti tiegħu dwar ir-rikors tal-Viċendarju Vella, is-Sur Pawlu Trapani għoġbu jikkummenta hekk: *"Nikkunsidra t-talba ferm moderata u raġunata u nirrakkomanda illi jekk inhu prattikabbli, il-lampi mitluba jiġu mogħtija. L-Għasri għandu popolazzjoni ta' madwar l-400 ruħ.*

*Fl-istess ħin nikkunsidra daqstant ieħor xieraq li ċerti postijiet oħra jiġu huma wkoll ipprovduti bil-fanali, per eżempju:*

| | | |
|---|---|---|
| San Lawrenz | Popolazzjoni | 457. |
| Santa Luċija | " | 400. |
| Għammar | " | 210. |
| Munxar | " | 343. |

*Naħseb li l-kwistjoni tal-mixegħla fit-toroq ta' dawn il-postijiet imsemmija fuq, għandha wkoll tkun ikkunsidrata fl-istess waqt"*.[40]

F'qasir żmien, l-Għasri, bħall-irħula l-oħra, beda kull tant u tant, imissu s-sehem miżeru tiegħu mit-tqassim tal-fanali f'din il-gżira. Minn żmien għal żmien, il-Kappillani baqgħu wkoll b'mod kostanti jitolbu għal aktar fanali.

Talba f'dan is-sens hija dik datata 28 ta' Diċembru, 1924, fejn il-Kappillan Dun M'Anġ. Grima għamel talba għal żewġ fanali oħra: wieħed għal Triq il-Knisja u ieħor għal Triq il-Ġonna. F'nota datata 1/1/1925, is-Supritendent tal-P.W. osserva li dawn iż-żewġ lampi ġa kienu ntalbu darb'oħra mill-predeċessur ta' l-applikant, voldieri mill-Kappillan Dun Ġużepp Galea.

Intant, din it-talba ħerqana tal-kappillan il-ġdid, Dun M'Anġ. Grima, intenzjonata li tgħolli xi ftit il-livell tal-ħajja mwiergħa ta' niesna u biex bil-ġid jibda jirbaħ l-ebusija ta' qalbhom wara l-kwistjonijiet jaħarqu nkonnessjoni mat-tluq mir-raħal, fl-1922, tal-Viċendarju Dun Karm Caruana; f'malajr wieħed ġiet fgata bir-risposta negattiva tal-Kummissarju għal Għawdex, is-Sur Alfons Tonna. Fit-tweġiba tiegħu tat-23 ta' Jannar, 1925, il-Kummissarju qal li jiddispjacih li fondi għal dik is-sena ma kienx hemm u li għas-sena ta' wara, il-fondi kienu strettament disponibbli biss għal dawk il-lampi l-aktar meħtieġa, li ma jidhirx li huwa l-każ fir-rigward taż-żewġ lampi mitluba mill-Kappillani Galea u Grima.[41]

---

**38:** IL-KORPUS 10(1993), p. 41.
**39:** NAM, Petitions 908/7 Jan 1890.
**40:** NAG, SG, 02/03, p. 140.
**41:** NAG, SG, 01/06, 28 Jan 1924.



Parti minn Triq il-Fanal (illum Triq Dun Karm Caruana): **il-fanal** li jidher fiċ-ċentru tar-ritratt huwa dak li kien hemm mad-dar (illum mibnija ġdida) ta' Ġanni ta' *Kukin*

Ix-xewqa tal-poplu ta' l-Għasri għaż-żieda ta' aktar fanali f'raħlu baqgħet dejjem tikber. Kull min kellu xi ftit tas-saħħa – Kappillani, qassisin, galoppini *(canvassers)* ta' deputati u kandidati prospettivi(42) – kien dejjem isus wara n-nies tal-poter għal kisba ta' aktar benefiċċji fir-raħal. U mhux fanali biss, iżda wkoll f'dawk li huma tiswijiet u twessiegħ ta' toroq u għejjun ta' l-ilma fost diversi ħwejjeġ oħra.

Bid-data tat-28 ta' Ottubru, 1929, insibu rikors tal-Kappillan Dun Salv Scicluna għal fost l-oħrajn erba' fanali ġodda fi Triq il-Fanal u Triq il-Knisja.(43) Dun Salv, Alla jbierek, kien jakkwista kull ma jrid; kien bniedem influwenti, kellu l-ħbieb fis-suq u kien jaf mnejn għandu jgħaddi!

Fit-3 ta' Frar tas-sena ta' wara, il-Kappillan Dun Salv Scicluna ġie mgħarraf permezz ta' ittra li t-talba tiegħu għat-twessiegħ ta' ċerti toroq fl-Għasri u għall-fanali kienet ġiet milqugħa, bl-eċċezzjoni li fanali ġew approvati tlieta biss – l-ieħor ma kienx strettament neċessarju. L-istima għall-implimentazzjoni ta' dawn it-tliet fanali kienet ta' £4 - 4s - 0d (Lm4.20). It-talba l-oħra għal żewġ vitijiet ta' l-ilma fit-toroq, il-Fanal u l-Knisja ma kienx possibbli li tiġi milqugħa minħabba li kienet tinvolvi spiża konsiderevoli.(44) Imma spiża u mhux spiza, f'qasir żmien dawn ġew xorta.

Sal-1930, in-numru tal-fanali fl-Għasri u fl-Għammar kien ta' 25(45) **(ara mappa hawn inkluża fil-paġna sussegwenti)**. Sat-22 ta' Ottubru, 1932, in-numru tela' għal 29 fanal.(46) Komplessivament, fl-istess żmien, f'Għawdex u f'Kemmuna kien hemm 743 fanal. Id-29 fanal ta' l-Għasri kienu mqassma hekk:

- **Fi Triq il-Fanal** (mill-knisja 'l ġewwa): 1 *Fuq il-Ġnien;* 1 ma' *tal-Merkant,* kantuniera mas-*Sqaq tal-Basli;* 1 fil-bivju (fejn jgħaqqdu flimkien it-toroq) ta' din it-triq ma' Triq Għammar u 1 fis-*Sqaq taċ-Ċif.*
- **Fi Triq il-Fanal** (dik il-parti li llum jisimha Triq Dun Karm Caruana): 1 ma' *ta' Kukin* ***(dak il-fanal li jidher fiċ-ċentru tar-ritratt li qed nuru fil-paġna preċedenti)*** u ieħor ma' *l-Għassa ta' Dun Ġorġ.*
- **Fil-Misraħ:** 2 quddiem il-knisja u ieħor ma' *tal-Fenek* ***(ara ż-żewġ ritratti li qed jidhru aktar 'il quddiem).***
- **Fi Triq il-Wilġa:** 1 f'nofs l-imsemmija triq.
- **Fi Triq il-Pjazza** (illum Triq Salvu Gambin): 1 ma' ta' Salvu Gambin.
- **Fi Triq Wied Sara:** 1 fil-bivju ta' l-imsemmija triq ma' Triq il-Knisja u ieħor fil-bivju ta' l-imsemmija triq ma' *Sqaq il-Granċ* (illum it-triq li tieħu għaż-Żebbuġ).
- **Fi Triq il-Knisja:** 1 ma' ta' Dun Ġużepp *ta' Rożina;* 1 ma' ta' *Peppinu tal-Kromb*; 1 ma' *tal-Bajdi* u ieħor ma' *ta' Gangita.*
- **Fi Triq il-Ġonna:** 1 ma' *tal-Mesis,* fil-bivju ta' l-imsemmija triq mat-trejqa ta' *Wara l-Bejt;* 1 ftit 'il fuq minn *tal-Ħawli* u ieħor ma' *tal-Boffi.*

---

**42:** Per eżempju, jingħad li ż-żewġ fanali ta' quddiem il-Knisja Bażilika tal-Madonna tal-Patroċinju kienu saru bis-saħħa tal-galoppini Għasrin ta' Pawlu Portelli *(tal-Lingi)* li fl-Elezzjonijiet Ġenerali tat-2, 3, u 4 ta' Settembru, 1950 kien ġie elett mid-Distrett ta' Għawdex f'isem id-**D**[emocratic] **A**[ction] **P**[arty].

**43:** NAG, PW, 03/09, p. 173.

**44:** *Ibid.*, pp. 171, 230, 292 u 393.

**45:** NAG, MP, 02/36. Ara mappa nru. 3.

**46:** NAG, PW, 03/16, p. 77.




Cherusin Street Lamps 1930





Il-fanal ta' ma' *tal-Fenek* ...

u dawk ta' quddiem il-Knisja

- **Fi Triq Tamar:** 1 ma' ta' Bandallu.
- **Fi Triq Għammar u Wara ta' Għammar:** 1 ma' ta' *Fixkiela;* 1 ma' *taċ-Ċuni;* 1 ma' *tal-Ġiganta;* 1 ma' *tas-Suli*; 1 ma' *tal-Marżublu*, 1 fejn il-kappella ta' San Publiju u wieħed f'kull wieħed miż-żewġ sqaqien li hemm minn San Publiju 'l ġewwa.

Minn informazzjoni oħra li rnexxieli nikseb, insibu li sal-bidu tal-ħamsinijiet, in-numru tal-fanali tal-pitrolju fit-toroq ta' l-Għasri u l-Għammar kien laħaq is-56. Min kien jixgħelhom kellhu 3½d.-il wieħed (1c5) kuljum.(47)

**Il-Kebbiesa tal-Fanali fl-Għasri:**

Nerġa nirrikorri għall-poeżija, u minn ta' l-istess awtur, Dr. Anton Buttigieg, nislet l-ewwel strofa mill-poeżija ntitulata:

***'L-Kebbies tal-Fanali'***



Kull fl-għaxija
kif ma' l-għabex
tnin u tmut saħħet il-jum,
jiġi Majsi bis-sellum,
u jixgħelli taħt it-tieqa
fanal ċkejken
li tal-lejl itaffi d-diqa.(48)

Il-kebbiesa tal-fanali fl-Għasri – biex aħna wkoll insejħulhom hekk, mill-1890 'il hawn kienu diversi. Mhux il-lok li noqgħodu nsemmuhom wieħed wieħed. Imma għall-kurżita storika nsemmu biss lil dak li x'aktarx kien il-pijunier fosthom. Qed nirriferi għal Ġużepp Aquilina *(il-Ġandra)*. Twieled l-Għasri nhar id-9 ta' Awissu, 1871 u tgħammed iż-Żebbuġ. Kien bin Mikiel *(in-Nokk)* u Rożarja mwielda Attard. Għal xi żmien kien armat bil-forn fi Triq il-Misraħ (illum Triq Salvu Gambin) f'dak il-post – illum imgarraf għal kollox, dak ta' ħdejn *taċ-Ċemperlin*. Fl-1937, irtira fl-Isptar Ċentrali ta' Għawdex fejn baqa' sa ma miet. Ix-xjuħ ta' l-Għasri għadhom jorbtu isem dan ir-raġel mad-daqq ta' ċertu strument mużikali – illum folkloristiku – imsejjaħ il-bi-am-bu.

F'ittra/artiklu li kitibli xi snin ilu l-kumpajżan tagħna Patri Alfons M. Camilleri O.F.M., bil-memorji tiegħu dwar ir-raħal ta' l-Għasri, dwar dan l-ewwel kebbies tal-fanali, jirrakkonta hekk:

*"... Naħseb li l-inqas li kien ikollu xogħol f'dak iż-żmien* (ċ. l-1920) *ġewwa l-Għasri kien il-pulizija ... x'kien jaqbad jagħmel ... forsi jmur jara jekk il-Ġandra*

---

**47:** Tagħrif mogħti lili oralment minn Ġużepp Vella (*ta' Indrija* – Għasri) li allura kienet il-persuna nkarigata li tixgħel il-fanali fl-Għasri.

**48:** A. Buttigieg, *Mill-Album ta' Ħajti*, l-Ewwel Ktieb, p. 153.

***Nota:*** Għal din il-kitba speċifika qed nagħmel użu mill-poeżija kif stampata fuq għamla ta' *book mark* maħruġ fl-okkażjoni tal-11-il Fiera tal-Ktieb li saret f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi bejn is-27 u 29 ta' Ottubru, 1995. Din il-poeżija hija identika għal dik stampata fil-ktieb imsemmi, bid-differenza li fit-tieni riga flok ***"kif ma' l-għabex"***, jingħad ***"kif mad-dija"***.

*xegħelhomx il-fanali tat-toroq! Ma kellux iżjed minn għaxar fanali, imma mxerrdin mar-raħal kollu ...".* Patri Alfons jissokta jgħid li: *"... fil-għaxija kien imur b'sellum fuq spalltu jixgħelhom u filgħodu jmur bil-qasba jonfħolhom biha minn isfel permezz ta' daqsxejn ta' pompa li kellha mwaħħla magħha u jitfihom. B'dik ix-xi ħaġa żgħira li kien jaqla kien jgħix hu u jgħajjex lil oħtu Konċett miegħu. Ara kemm konna ngħixu bix-xejn ...".*[49]

***Il-fanali waqt iż-żewġ gwerer dinjin:***

Bħal ma ġa semmejna qabel, il-fanali ma kienux jinxtegħlu kuljum kuljum preċett. Ma kienux jinxtegħlu meta l-qamar ikun kwinta u fiż-żewġt iljieli ta' qabel u fit-tnejn ta' wara.

Imma ġew żewġ perjodi ta' żmien, aktar kmieni f'dan is-seklu, li matulhom il-mixegħla tal-fanali tat-toroq kienet sospiza. Bħal ma naqraw fit-titlu ta' dan is-sub artiklu, fiż-żewġ każi, l-konsegwenza kienet il-gwerra.

Fl-Ewwel Gwerra (1914-1918) il-fanali ma kienux baqgħu jinxtegħlu r-rink. Nhar is-6 ta' Ġunju, 1916, il-Pulizija ħarġet ordni li minn dakinhar 'il quddiem sakemm joħroġ avviż ieħor mill-Awtoritajiet Militari, diversi fanali tat-toroq kellhom jinżammu mitfija matul il-lejl. Dawk li kienu ser ikomplu jinxtegħlu, il-ħġieġ tagħhom inżebagħ b'żebgħa sewda. F'Għawdex, in-numru ta' dawn ta' l-aħħar, kien dan: Victoria - 67; Kerċem - 10; Santa Luċija - 3; San Lawrenz - 9; Għarb -15; **GĦASRI - 6; Għammar - 3;** Żebbuġ - 7; Xagħra - 16; Nadur - 17; Qala -14; Għajnsielem - 12; Mġarr - 4; Xewkija -17; Sannat - 17 u Munxar - 7.[50]

Fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija (1939-1945) il-fanali kollha mingħajr l-ebda distinzjoni, kienu jinżammu mitfija. Dan skond l-Ordinanza (bla numru) tal-1938 u l-Ordnijiet l-oħra kollha tal-'*Blackout*' li xxandru wara minn żmien għal żmien.[51]

***Mill-fanali tal-pitrolju għad-dawl elettriku:***

L-Għasrin, f'xi okkażjoni jew oħra lejn Malta kienu jmorru wkoll. Barra li kien ikun hemm min ħtieġlu jmur għal xi qadja, fosthom per eżempju, waqt li jkun qed jirranġa għas-safar (emigrazzjoni; it-terminoloġija kienet: *"qed nirranġa għas-safar"*) – u dawn ma kienux ftit – kien hemm ħafna oħrajn li kienu jaħdmu hemm, fosthom irġiel fl-industrija tal-kostruzzjoni, fil-biedja u fil-portijiet u diversi xebbiet li biex jgħinu lill-familja tagħhom hawn l-Għasri kienu kostretti li jmorru jseftru ma' familji sinjuri Maltin. Il-kundizzjonijiet tax-xogħol offruti lil dawn is-sefturi f'Malta kienu mill-agħar ... kienu jtuhom paġa miżera ta' biss £1 fix-xahar ... frank: ġurnata waħda biss kull erba' ġimgħat. Espjlojtazzjoni ta' l-iprem grad! Imma x'tagħmel, jew l-esplojtazzjoni u x-xogħol degradanti ... jew il-karistija u l-ġuħ!

Intant, m'hemmx dubju, dawn il-ħaddiema mportaw magħhom u nisslu fl-oħrajn hawn l-Għasri, il-waħam u x-xenqa għal bosta xorti li sa dakinhar Għawdex kien għadu nieqes minnhom. Ma setax jonqos li fost dawn il-ħwejjeġ ġodda ma jkunx hemm dik tal-mixegħla bl-elettriku. Il-ġdid iġib il-waħam u x-xenqa u jisraq

---

**49:** P. ALFONS M. CAMILLERI O.F.M. lil TONI CALLEJA, (25 Nov 1985) 21 u (06 Mar 1989) 2.
**50:** NAG, PD, 01/90, okkorrenza nru. 381.
**51:** T. CALLEJA, *Djarju Għawdxi ta' qabel ma l-Gwerra waslet fuq xtutna,* f' "IL-KORPUS" 10(1993), pp. 77-80.

l-attenzjoni ta' kulħadd. U fit-tfal aktar u aktar. F'dan ir-rigward, l-illustri kumpajżan tagħna Patri Alfons M. Camilleri, O.F.M. (1910-1994) jirrakkonta hekk:

"... *Wara xi żmien* (ċ. l-1918) *erġajt mort Malta ma' ħuti; kont ikbar u niftakar iżjed. Naf li rkibna fuq it-tram biex mill-Belt Valletta mmorru l-Marsa għand waħda mill-Għasri, minn ta' Bandallu. Fuq il-ferrovija ma kellniex okkażjoni nitilgħu; fuq din irkibt l-ewwel darba meta mort nibda n-novizzjat l-Imdina, allura nhar it-2 ta' Marzu, 1925.* ***Imma l-iżjed li mpressjonani dik id-darba kien id-dawl elettriku; x'differenza minn dik il-lampa tal-pitrolju li kellna l-Għasri!*** *Meta rġajna lura u n-nanna Modesta* (1858-1936) *staqsietni x'rajt sabiħ għedtilha: "Malta sewwa għax tmiss buttuna u jixgħel", u dik qaltli, "Imma jixgħel mingħajr is-sifirin?!". In-nanna għexet u mietet u d-dawl elettriku baqgħet ma ratux* ...".[52]

Riedu jgħaddu kważi erbatax-il sena oħra biex l-Għasri ra fih l-ewwel mixgħela pubblika bl-elettriku. L-okkazjoni kienet din:

"... *Fl-aħħar ta' Diċembru, 1949, waslet fostna t-tant mistennija statwa tal-Madonna ta' Fatima ... It-tberik ta' l-istatwa sar fil-Knisja Parrokkjali minn Mons. Ġużeppi Pace, Isqof ta' Għawdex, u wara ġimgħa ta' funzjonijiet speċjali, l-istatwa tal-Madonna ta' Fatima ġiet trasferita proċessjonalment għall-Knisja Bażilika tal-Patroċinju* ... [għal din l-okkażjoni] ***għall-ewwel darba ġo l-Għasri, il-faċċata tal-knisja kienet mixgħula bl-elettriku permezz ta' ġeneratur li kien jinkera għall-festi ta' l-irħula, għax sa dakinhar, elettriku, ir-Rabat biss kien għad hemm. Allura dan kien l-ewwel darba, bħal ma ġa għidna, li ntuża d-dawl elettriku ġo l-Għasri: is-Sibt u l-Ħadd, 28 u 29 ta' Jannar, 1950, rispettivament*** ...".[53]

Għar-*record* irridu nżidu ngħidu li l-imsemmija okkażjoni ser tibqa' msemmija għal primati li seħħew dakinhar: l-ewwel u qabel kollox l-istatwa tal-Madonna ta' Fatima nnifisha li hi **l-ewwel** u l-unika statwa f'Tal-Wied; it-tieni: id-dawl elettriku li ġa semmejna; it-tielet: li għall-**ewwel** darba f'xi festa f'tal-Patroċinju ħadet sehem il-Banda Ċittadina *"La Stella"* tal-Belt Victoria u fl-aħħar nett, li għall-ewwel darba, f'xi festa organizzata fir-raħal ta' l-Għasri, ġew sparati l-murtali tal-bomba.[54]

***"L-elettriku": l-għajta tal-poplu li ma setgħetx tkompli tiġi maħnuqa:***

Ix-xewqa tal-poplu biex kemm jista' jkun malajr jitwasslilhom il-kurrent tad-dawl elettriku kienet waħda kostanti u evidenti. Ċertu korrispondent taħt in-*nom de-plume* "Għassies Għawdxi", f'ġurnal lokali tal-1947, kiteb:

"... *Dnub tassew li fl-irħula kollha m'hemmx ħlief dlam ċappa, dlam taqtgħu b'sikkina, dlam li jnissel ħniena lil kulħadd. Il-għaliex l-irħula ta' Għawdex jinsabu daqshekk minsija? Imbagħad il-għaliex Għawdex li hu gżira żgħira d-dawl elettriku ma jiġix imdaħħal fl-irħula kollha ... l-Għasri wkoll jinsab viċin* ...".[55]

Xi ħadd ieħor taħt il-psewdonimu V.C.S. miż-Żebbuġ – raħal ġar li miegħu l-Għasri qisu fula maqsuma – bid-data tal-15 ta' Lulju, 1951, kiteb f'gazzetta lokali

---

52: P. ALFONS lil T. CALLEJA, (25 Nov 1985) 9.

53: F. GALEA, *Tifkiriet ta' tfuliti dwar il-Knisja Bażilika tal-Patroċinju* (l-Ewwel Parti), f' "IL-KORPUS" 6(1989), p. 38.

54: *Ibid.*

55: GĦAWDEX, nru. 66, (07 Diċ 1947)·2.

biex hu wkoll juri d-dwejjaq tiegħu għan-nuqqas tad-dawl elettriku f'raħlu:

"... *dlam bħal fi żmien il-gwerra qisna maqtugħin mill-bqija tad-dinja... Illum beħsiebni nitkellem biss fuq ħaġa waħda, id-dawl. Il-gwerra ilha li spiċċat xi sitt snin. Madankollu għadna fi Blackout bħal fi żmien il-gwerra. Dlam ċappa. Tgħid baqa' xi rokna fid-dinja kollha kif iddur, li għada fid-dlam bħal żmien il-gwerra? Żgur li le... Nisperaw li l-Gvern iżomm kelmtu u jġibilna d-dawl elettriku, speċjalment issa li sejra titqiegħed il-magna* [tad-dawl] *il-ġdida. U jneħħi minn hemm dawk l-antikalja ta' fanali li qegħdin jitqiegħdu* ...".

V.C.S. ikompli jisħaq: "... *Qiegħed jingħad li l-fanali tal-pitrolju li qegħdin jitqiegħdu, ittieħdu bil-ħames soldi l-wieħed, kull jum. F'sena jiġu aktar minn mitejn lira* (fil-fatt jiġu anqas; għall-eżattezza jiġu Lm152 fis-sena) ... *Iżjed, jekk titqiegħed il-luce elettrika, il-Gvern jiffranka wkoll dawn il-flus tal-fanali u jibda jdaħħal tal-Meters, għalkemm verament il-luce elettrika trid l-ispejjeż ukoll* ...".(56)

"... *GĦASRI: Dan ukoll raħal bla dawl elettriku* ...".(57)

"... *il-Gvern għandu jfittex kull mezz li jħoll il-problema tad-dlamijiet fil-gżira Għawdxija u kien preċiżament dwar hekk li dan l-aħħar ilmentaw miegħi* (Koli Apap) *nies miż-Żebbuġ u mill-Għasri – verament in-nies ta' dawn l-irħula għandhom raġun igemgmu għax għadhom bla dawl elettriku* ...".(58)

"... *Kif qiegħed nikteb dwar id-dawl elettriku tajjeb li nsemmi li l-Għarb, San Lawrenz, l-Għasri, u ż-Żebbuġ għadhom bla dawl elettriku minkejja l-fatt li ninsabu fl-1956. F'dawn l-irħula tinnota xi fanali li fix-xitwa ħtija tal-maltemp aktarx ikunu dejjem mitfija. Meta l-Gvern sejjer jaħseb bis-serjetà kollha f'dawn l-erba' rħula?* ...".(59)

"... *ninsabu fix-xitwa u rħula bħal l-Għarb, San Lawrenz, l-Għasri u ż-Żebbuġ jinsabu bla dawl elettriku u d-dlam li jkun fihom taqtgħu b'sikkina. Verament li dawn l-irħula huma minsija* ...".(60)

Iżda fl-aħħar mill-aħħar id-dawl elettriku wasal ukoll. Wasal fl-1959. Wara daqstant krib u qrid, il-Gvern ma setax jibqa' trux għall-ilmenti tal-poplu. Ġurnal kontemporanju, dwar din l-okkażjoni, kien irrapporta preċiżament hekk:

"Nhar l-Erbgħa, 13 ta' Mejju, 1959, ħames irħula f'Għawdex, L-Għasri, Żebbuġ, Għarb, San Lawrenz u Santa Luċija, ngħataw id-dawl elettriku. Għal din l-okkażjoni t-Tokk ġie armat palk apposta fejn saret ċeremonja l-iżjed grazzjuża.

Mr. Grossmith O.B.E., *Administrative Assistant*, li kien akkompanjat mis-Sur A. Falzon, *Manager* tad-Dipartiment ta' l-Ilma u l-Elettriku, kien l-ewwel wieħed li xegħel id-dawl għall-ħames irħula u' wara sar it-tberik mill-E.T. Mons. Ġużeppi Pace, Isqof ta' Għawdex. Kienu preżenti Joseph Attard, Kummissarju ta' Għawdex, il-Kav. Dr. Anton Tabone M.D. u s-Sur Joseph Vella Muscat, President u Segretarju taċ-*Civic Committe* ta' Għawdex rispettivament, u kapijiet oħra tal-fergħa ta' Għawdex tal-Magna tad-Dawl.

F'taħdita qasira li għamel Mr. Grossmith stqarr li x-xogħolijiet sabiex illum dawn l-irħula ngħataw id-dawl ħadu tliet snin u b'hekk issa fadal biss bla dawl

---

**56:** *Ibid.*, nru. 164, (09 Aww 1951) 2, 4.
**57:** IL-BERQA, nru. 7,060, (31 Mar 1955) 7.
**58:** *Ibid.*, nru. 7,137, (30 Ġun 1955) 7.
**59:** *Ibid.*, nru. 7,304, (12 Jan 1956) 7.
**60:** *Ibid.*, nru. 7,643, (14 Fra 1957) 7.

elettriku l-bajjiet ta' Marsalforn u x-Xlendi. B'kollox f'dawn l-irħula tpoġġew 172 lampa.

Fl-aħħar l-E.T. Mons. Isqof Pace, talab biex id-dawl elettriku jiġi mwassal sal-Bażilika Santwarju "Ta' Pinu" u l-miġemgħa preżenti wriet sinjali ta' approvazzjoni.

Wara Mr. Grossmith mar idur l-irħula fejn ġie mogħti d-dawl elettriku u kellu laqgħa sabiħa mill-Arċipriet jew Kappillan ta' kull raħal u rappreżentanti tal-lokal taċ-*Civic Committe*".(58)

---

61: *Ibid.*, nru. 8,344, (21 Mej 1959) 9.


Annie's

**HAIR & SKIN CENTRE**

***SALON LTD.***

***43B, Palm Street, Victoria, Gozo.***

***Tel. 556660.***

**THE PHOTO SHOP**

2, St. Ursola Street, Victoria — Gozo

*Tel: 563403 / 561988*



*Exclusively*

***Nikon***

* **NIKON Cameras & Accessories**
* Fast Film & Slide Dev. & Printing
* Studio Portraits
* Wedding Photography & Video Service — *with a difference*
* Cine to Video Transfer
* **Gordan Productions —**
Location — Parties, Engagements etc... & Studio Video Service
* 35 mm. Photography — for any occasion
* Photocopy Service